IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

30 ta' Settembru 2016
83/2016

**ĊELEBRAZZJONIJIET LITURĠIĊI MMEXXIJA MILL-ARĊISQOF CHARLES J. SCICLUNA MATUL IX-XAHAR TA' OTTUBRU 2016**

Is-Sibt l-1 ta' Ottubru 2016, fil-5:00 p.m., l-Arċisqof Charles J. Scicluna ser ibierek il-Kurċifiss ewlieni fil-Presbiterju tal-Knisja Parrokkjali tal-Kunċizzjoni, il-Ħamrun.

Il-Ħadd 2 ta' Ottubru, fid-9:15 a.m. u fl-4:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jamministra s-sagrament tal-Griżma tal-Isqof lill-adoloxxenti fil-Parroċċa ta' Ħaż Żebbuġ. Fis-7:00 p.m., Monsinjur Arċisqof jattendi ċ-ċelebrazzjoni Ekumenika 'Undivided', fi Smart City, il-Kalkara.

It-Tnejn 3 ta' Ottubru, fid-9:00 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fil-ftuħ tas-Sena Forensi, fl-Oratorju tal-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Fin-12:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra l-Quddiesa tal-ftuħ tas-sena akkademika fl-Università ta' Malta, Tal-Qroqq.

It-Tlieta 11 ta' Ottubru, fis-7:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa maż-żgħażagħ, f'ŻAK House, Birkirkara.

Is-Sibt 15 ta' Ottubru, fis-6:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa li fiha ssir il-wegħda taċ-ċelibat mis-seminaristi li se jsIRu djakni, fil-Kappella tas-Seminarju tal-Arċisqof, Tal-Virtù.

Il-Ħadd 16 ta' Ottubru, fid-9:30 a.m., Monsinjur Arċisqof jamministra s-sagrament tal-Griżma tal-Isqof lill-adoloxxenti fil-Parroċċa tal-Isla. Fil-5:00 p.m., Monsinjur Arċisqof jamministra s-sagrament tal-Griżma tal-Isqof lill-adoloxxenti fil-Parroċċa tal-Gudja.

Il-Ġimgħa 28 ta' Ottubru, fis-6:00 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa tal-Ordinazzjoni tad-Djakonat lil ħames kandidati, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Il-Quddiesa ser tixxandar *live* fuq il-Youtube Channel tal-Knisja f'Malta u fuq Radju Marija.

Il-Ħadd 30 ta' Ottubru, fil-11:30 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa mal-komunità tal-lingwa Ġermaniża, fil-Knisja tal-Franġiskani Konventwali, il-Belt Valletta. Fil-5:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jamministra s-sagrament tal-Griżma tal-Isqof lill-adoloxxenti fil-Parroċċa ta' San Ġiljan.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**